MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru. 1183/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J. FENECH**
**KONTRA**

**SALVATORE CACCIATTOLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Salvatore Cacciattolo ta’ 55 sena, bin Joseph u Mary nee’ Mangion, mwieled Qormi nhar l- 4 ta’ Gunju 1955, residenti fil- fond 3, Ex- Married Quarters, Ramvas, Flat 1, Triq San David, Mtarfa u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 436355M;

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer fit- 28 ta' Marzu 2010 u matul il-gimgha ta' qabel din id- data;

1) Kellu fil- pussess tieghu jew ghamel xi uzu jkun li jkun minn xi karta tal- Identita' meta ma kienx id- detentur taghha, jew l- agent tad- detentur fil- qadi ta' xi htiega tal- Att dwar il- Karti tal- Identita' jew ta' xi ligi ohra f' isem id- detentur;

2) Gie fil- pussess ta' xi karta tal- Identita' mahruga lil xi persuna ohra u naqsa milli jikkonsenjaha jew jibghatha lid- detentur taghha jew lill- ufficjal awtorizzat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l- Artikoli 12(1) u (2), u 14(1) tal- Kapitolu 258 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------